**12 ta' Awissu, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Lawrence Cuschieri

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta u għall- interess li jista' jkollu, il-Kummissarju tal-Pulizija

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Żmien Raġonevoli – Soprasessjoni**

*Ir-rikorrent kien għaddej proċeduri kriminali. Fil-kors ta' dawn il-proċeduri nqala' inċident fejn saret allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Il-Qorti tal-Maġistrati rrifjutat li tissoprassjedi. Ir-rikorrent allega li r-rifjut ta' soprasessjoni kien jammonta għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet favur ir-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent.*

*Sentenza tal-Qorti hija ċerta u tagħmel stat sakemm ma tissopravenix sentenza finali minn Qorti kompetenti li tgħid mod ieħor. Għalhekk il-fatt li sentenza tkun ġiet attakkata billi jiġi pretiż li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ma jwassalx għas-sospensjoni ta' l-effetti tagħha u għas-soprassessjoni.*

Il-Qorti: –

1. Ir-rikorrenti huwa imputat fl-atti ta' kompilazzjoni

quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u hemm qed jiġi akkużat mill-Ispettur Kevin Ellul Bonici f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija;

2. F'dawk il-proċeduri kien issolleva kwistjoni kostituzzjonali għaliex allega li meta ġie emendat l-artikolu 639 tal-Kodiċi Kriminali waqt li huwa kien soġġett għal dik il-kumpilazzjoni jekk dak l-artikolu kif emendat jiġi applikat allura huwa kien isofri vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu garantiti mill-artikoli 39(8) u 39(1) tal-Kostituzzjoni u 7 u 6 tal-Konvenzjoni;

3. Meta l-kwistjoni ġiet sussegwentement miġjuba quddiem din il-Qorti, skond ir-rikorrent:

"Fis-smigħ ta' l-appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali d-difensur tal-Kummissarju tal-Pulizija għamel it-trattazzjoni tiegħu dwar in-nullità tar-riferenza u kien ser jibda jittratta fuq il-meritu. F' dak il-ħin il-Qorti interrompietu u qalet ripetutament li l-intempestivita' tar-riferenza kienet il-qofol kollu ta' l-appell u li fuq hekk biss il-Qorti riedet tisma'. Għalkemm id-difensur tal-kummissarju tal-Pulizija pprova jestendi t-trattazzjoni tiegħu għall-meritu sostanzjali ta' l-apell principali u ta' l-appell incidentali, il-Qorti ma permettitlux u għaddiet it-trattazzjoni lid-difensur ta' l-akkużat;

L-istess ġara kull meta d-difensuri ta' l-akkużat ipprovaw b'xi mod jaċċennaw għall-mertu sostanzjali ta' l-appell u ċjoè l-aggravji dwar ir-retroattività tal-liġi kriminali, u l-vjolazzjoni tal-garanzija tal-*fair hearing,* il-Qorti ripetutament u b'enfasi kbira bdiet tgħid li fuq hekk ma riedet tisma' xejn, għax il-qofol li kien jinteressa 'l-Qorti kien jekk dawk il-Kwistjonijiet kellhomx

jiġu ssollevati f'Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali, qabel, jew wara, is-sentenza tal-proċess kriminali'';

4. Din il-Qorti ddeċidiet dik il-kawża fit-8 ta' Jannar, 1992, u r-rikorrent deherlu li l-proċeduri quddiem din il-Qorti kienu illedewlu d-dritt fundamentali tiegħu ta' smigħ xieraq u allura ppreżenta r-rikors numru 371/92 fl-ismijiet Lawrence Cuschieri *vs* L-Onorevoli Prim Ministru *et* li għadu pendenti quddiem din il-Qorti diversament komposta;

5. Meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet se tkompli bil-kumpilazzjoni kontra r-rikorrent, dan kif jingħad fil-paragrafu 15 tar-rikors promotur:

'' .... talab is-soprasessjoni tal-prodċeduri kriminali sakemm jiġu deċiżi formalment jekk il-kweżiti ġiuridiċi sollevati bir-riferenza tal-Qorti Kriminali lil din l-Onorabbli Qorti ġewx validament determinati minn Qorti Kompetenti'';

Sussegwentement, imbagħad fil-paragrafu 24 hemm spjegat:

''Illi l-Qorti tal-Maġistrati bid-digriet tagħha tas-16 ta' Ottubru, 1992, ċaħdet it-talba ta' l-esponent għas-soprasessjoni bla ma tat l-iċken motivażżjoni għal din id-deċiżjoni tagħha. Il-Qorti ordnat li l-proċess kriminali kontra l-esponent ikompli fl-14 ta' Jannar, 1993'';

6. Ir-rikorrent deherlu li din iċ-ċaħda ta' soprasessjoni tikkostitwixxi vjolazzjoni ġdida tad-drittijiet fundamentali tiegħu – artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni'';

7. L-intimati rrispondew illi l-allegat ksur tad-drittijiet tar-rikorrent diġà jinsabu dedotti quddiem din il-Qorti fir-rikors numru 371/92 u dan għadu pendenti u għalhekk messu ġieb dan il-lament f'dik il-procedura;

Fil-meritu, ir-rikors huwa eżerċizzju dilatorju kif evidenzjat mill-fatt illi minn digriet mogħti fis-**16 ta' Ottubru, 1992** f'kawża kriminali, dan ir-rikors sa fis-**6 ta' Jannar, 1993**, – meta l-kawża kriminali kienet ġià differita biex titkompla fl-**14 ta' Jannar, 1993**;

Għalekk ir-rikors huwa intempestiv, frivolu u vessatorju;

8. L-Onorevoli Prim Awla tal- Qorti Ċivili ppronuzjat is-sentenza tagħha fit-22 ta' Marzu, 1993, u inter alia qalet hekk:

"Ir-rikorrent issottometta, fost affarijiet oħra, li d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu u mogħti fis-16 ta' Ottubru, 1992, liema digriet caħad it-talba għas-soprasessjoni, ma kienx motivat u li tali nuqqas imur kontra l-ispirtu tal-prinċipju tal-*Fair Hearinġ*. Dan billi, argumenta r-rikorrent, kull *deċiżjoni* li teffettwa materjalment lill-akkuzat għandha tkun sostanzjata. L-intimat irribatta li l-motivazzjoni tal-Maġistrat inkwirenti tinsab fid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar, 1992. Din is-sentenza kienet deċizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fuq riferenza kostituzzjonali a termini tas-subinċiż (3) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. B'din is-sentenza *l-Qorti Kostituzzjonali bagħtet* kollox lura lill-Qorti tal-Maġistrati wara li ddeċidiet il-kwistjoni tan-nullità tar-riferenza ssollevata mill-intimat appellanti. Għalhekk, qed jissottometti d-difensur ta' l-intimat, il-Qorti tal-Magistrati ġiet iddikjarata bħala l-Qorti kompetenti biex tieħu

konjizzjoni ta' u tiddeċiedi l-punti ssollevati mid-difiża u li dwarhom kienet saret ir-riferenza kostituzzjonali. Żdied jgħid, id-difensur ta' l-intimat, li mid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, li mid-deċiżjoni tal- Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar, 1992, wieħed għandu jifhem li qatt ma kien hemm kwistjonijiet li jinvolvu ksur ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem billi d-deċiżjoni kienet qed titħalla, mill-istess Qorti Kostituzzjonali, f'idejn il-Qorti tal-Magistrati;

Ir-rikorrent issottometta diversi raġunijiet oħra ilgħala din il-Qorti għandha tagħtih dawk ir-rimedji xierqa biex tiżgura t-twettieq tad-disposizzjonijiet imsemmija tal-Kostituzzjoni. Ġie sottomess li darba l-liġi hija inċerta ma jistax ikun hemm *fair trial* billi ma hux definit jekk il-liġi li tat il-bidu għal dawn il-kwistjonijiet kollha, ċjoè l-emenda għall-artikolu 639 tal-Kodiċi Kriminali, tapplikax jew le għall-proċeduri li qed jittieħdu kontra r-rikorrent. Ġie sottomess ukoll li r-rikorrent għandu jkollu, bħala dritt fondamentali, id-dritt għar-rimedju. Għal dawn ir-raġunijiet u oħrajn miġjuba fir-rikors promotur u waqt it-trattazzjoni, ir-rikorrent talab li din il-Qorti tiddikjara illi l-provvediment tal-Qorti tal-Maġistrati tas-16 ta' Ottubru, 1992, ingħata bi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem u konsegwentement tordna li dawk il-proċeduri jistennew l-eżitu tal-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali;

Issa, tenut kont ta' dan kollu u ta' l-iżvolġiment tal-proċeduri kollha konċernati r-rikorrent, il-Qorti jidhrilha li s-soluzzjoni tal-kwistjoni li qiegħda quddiemha tinsab fl-applikazzjoni ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu 46(3) tal-Kosituzzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi li, jekk f'xi proċeduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim Awla tal- Qorti Ċivili jew il -Qorti Kostituzzjonali, tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta'

xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45, dik il-Qorti għandha tibgħat il-Kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba, fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja;

Għalhekk meta, quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-proċeduri kontra r-rikorrent, ġiet issollevata l-kwistjoni ta' ksur tad-drittijiet fondamentali ta' l-akkużat, dik l-istess Qorti kellha żewġ toroq minn fejn tagħżel. Ċjoè li tiddikjara li t-tqanqil tal-kwistjoni kien semplicement frivolu jew vessatorju. F'liema każ il- kwistjoni kienet tieqaf hemm billi lanqas jeżisti appell minn tali deċiżjoni (art. 46(5)). Jew, kif.ġara fil-każ in eżami, tirriferi l-kwistjoni lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, bħala l-unika Qorti kompetenti in materjja;

Fil-Proceduri kontra Lawrence Cuschieri l-Qorti dehrilha li l-kwistjoni ssollevata mid-difiża la kienet frivola u lanqas vesstorja u konsegwentement irriferiet il-każ lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili. Malli saret dik ir-riferenza, il-Qorti tal-Magistrati intrabtet, skond kif inhu pprovdut fis-subinċiż 3 ta' l-Aritkolu 46 tal-Kostituzzjoni, tiddisponi mill-kwistjoni skond id-deċiżjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili jew tal-Qorti Kostituzzjonali fil-każ li l-partijiet jipprevalixxu ruħhom mid-dritt ta' l-appell lil dik il-Qorti skond l-artikolu 46(4) tal-Kostituzzjoni;

Ikkonsidrat:

Illi fil-każ in eżami, kif jidher ampjament u dettaljatament deskritt fil-premessi tar-rikors promotur, il-kwistjoni li tqajment mill-akkużat dwar il-ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu u li ġiet riferita lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fil-fatt għadha pendenti. Id-deċiżjonni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar,

1992, qiegħda tiġi kkontestata permezz ta' proċeduri kostituzzjonali mressqa mill-istess Lawrence Cuschieri bir-rikors numru 371/92;

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ippreżentati fit-13 ta' April, 1992, Cuschieri talab li jingħataw dawk id-direttivi u ordnijiet li l-Qorti jidhrilha xierqa biex tissalvagwarda d-dritt tiegħu għas-smigħ xieraq protett mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dana billi, fost oħrajn, tiddikjara illi d-dritt fondamentali ta' l-akkużat għas-smigħ xieraq ġie miksur mill-Qorti Kostituzzjonali fil-proċeduri ta' riferenza deċiżi minn dik l-istess Qorti fit-8 ta' Jannar, 1992. L-istess Cuschieri għalhekk talab li dik is-sentenza tiġi dikjarata nulla;

Illi fil-proċeduri msemmija ngħatat sentenza preliminari minn din il-Qorti Kostituzzjonali;

Illi għalhekk jidher li r-riferenza sottomessa oriġinarjament mill-Qorti tal-Magistrati lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, għandha mhux deċiża definittivament billi bil-proċeduri ċċitati (Rikors Nru. 371/92) jista' jkun hemm dikjarazzjoni li effettivament kien hemm ksur tad-dritt għal *fair hearing* u konsegwentement is-sentenza tat-8 ta' Jannar, 1992, tista' tiġi annullata. Isegwi li kollox għadu inċert u għalhekk ma kienx korrett id-difensur ta' l-intimat fis-sottomissjoni tiegħu li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar, 1992, ipprovdiet il-motivazzjoni għad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati ta' 16 ta' Ottubru, 1992. Lanqas ma jista' jingħad, kif issottometta l-istess intimat, li in forza ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Maġistrate ġiet reża kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni ssollevata mid-difiża u li kienet tifforma meritu tar-riferenza kostituzzjonali oriġinali;

F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-Qorti tal-Maġistrati ma tistax tiddetermina l-kwistjoni sollevata quddiemha kif ordnat il-Qorti Kostituzzjonali bis-sentenza ċċitata billi dik l-istess sentenza għad tista' tiġi annullata. Għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati ma għandhiex quddiemha sentenza li, a bażi tagħha, kif jipprovdi l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, tista' tiddisponi mill-kwistjoni ssollevata quddiemha:

Minn dan kollu jsegwi li tkun miżura xierqa, meħtieġa u f'waqtha, li l-Qorti tal-Maġistrati tieqaf sakemm il-kwistjoni rriferita lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tiġi definita darba għal dejjem. Għalhekk kien jinkombi fuq l-istess Qorti tal-Maġistrati li takkolji u mhux tiċħad it-talba tar-rikorrent għas-soprasessjoni. Fin-nuqqas jista' jiġri li (a) il-Qorti tal-Maġistrati tkun qed tiddeċiedi kwistjoni potenzjalment ta' natura kostituzzjonali u li għalhekk teżorbita mill-kompetenza tagħha, (b) jiġi ppreġudikat *ir-rikorrent inkwantu liġi pprivat mir-rimedju kostituzzjonali* kompetenti lilu in forza ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u (c) jista' jiġi nkarċereat inġustament billi jinstab ħati ta' l-akkużżi miġjuba kontrih bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 639 tal-Kodiċi Krininali kif emendat;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ssib li bid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-16 ta' Ottubru, 1992, fl-atti tal-kompilazzjoni "Il-Pulizija kontra Lawrence Cuschieri" ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrent sanċiti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Konsegwentement, tilqa' t-talbiet attriċi u tordna li l-proċeduri kriminali kontra Lawrence Cuschieri, fuq imsemmija, jistennew l-eżitu tal-proċeduri kostiuzzjonali iniżjati bir-riferenza fuq imsemmija;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat";

9. L-Intimati fl-appell tagħhom qegħdin jillamentaw illi (a) is-sentenza appellata injorat kompletament il-preġizzjali li huma issottomettew fir-risposta tagħhom; (b) sar apprezzament żbaljat ta' l-effetti li għandu s'issa r-rikors l-ieħor ta' l-appellat fejn qed jittanta jannulla s-sentenza ta' din il-Qorti Kostituzzjonali wara r-riferenza li saret mill-Qorti Kriminali (ċ) is-sentenza ta' din il-Qorti għandha tiġi preżunta valida sakemm ma jkunx hemm pronunzjament minn Qorti kompetenti li dik is-sentenza hija nulla; (d) huwa żbaljat li tirritjeni li digriet li jiċħad is-soprasessjoni għandu jiġi bilfors immotivat apparti l-fatt li l-motivazzjoni tidher; (e) is-sentenza issostitwiet id-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-Qorti tal-Maġistrati fuq is-soprasessjoni u dan kontra kull prinċipju ta' duttrina;

10. L-ewwel osservazzjoni li din il-Qorti hija fid-dover li tagħmel tirrigwarda, b'mod ġenerali, il-kwistjoni intrinsika tal-portata ġuridika tat-talba għas-**soprasessjoni** sabiex il-Qorti li quddiemha qed tiġi ttrattata kawża, din tieqaf mill-operat tagħha sakemm jiġri xi ħaġa li tkun qiegħda ssir quddiem xi Qorti oħra;

11. L-eċċezzjoni ta' **soprasessjoni** fis-sens illi l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża **bħala tali**, fis-sistema tagħna m'hijiex ikkontemplata, għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili – Kap. 12 jikkontempla, hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala *lis alibi pendens* li però – kif jidher sewwa mill-artikoli 792 sa 794 – tirriferixxi għal dik is-sitwazzjoni ġuridika li tinħoloq:

"Meta titressaq kawża quddiem Qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem Qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-Qorti l-oħra";

kif jgħid l-art. 792 Kap. 12;

12. Hija paċifika u kostanti l-ġurisprudenza u d-duttrina illi eċċezzjoni ta' litis pendentia tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi kontemporanjament pendenti quddiem il-qrati, li jkollhom it-tnejn l-istess mertu. Meta dan jiġri allura jkun jeħtieġ li ż-żewġ kawżi jiġu **konnessi** sabiex jiġu ttrattati quddiem l-istess Qorti;

Hekk per eżempju, f'wieħed mill-ewwel każijiet riportati fil-ġurisprudenza tagħha – il-Qorti tal-Kummerċ fit-18 ta' Ottubru, 1888, fil-kawża fl-ismijiet Capt. Giorgio Arvanitis *vs* Capt. William J. Smith, (Vol. XII p. 37) billi l-konvenut ippreżenta ċitazzjoni, kontra l-attur, fuq l-istess merti, quddiem il-Qorti tal-Viċi Ammiraljat (kif kienet waħda mill-qrati ta' dak iż-żmien) ġurnata qabel ma' l-attur ippreżenta ċ-ċitazzjoni tiegħu quddiem il-Qorti tal-Kummerċ u allura din l-aħħar Qorti ddeċidiet illi:

*"consequentemente il caso per per sua natura da luogo al rinvio di questa causa alla Corte di Vice Ammiragliato, ha decretato e deciso per rinvio di questa Corte alla Corte di Vice Ammiragliato di questa Isola"*;

13. L-eċċezzjoni ta' *litis* pendentia ġiet intiża u applikata dejjem f'dawn it-termini ta' l-artikolu 792 – 794 Kap. 12. Hekk, per eżempju wkoll, fil-kawża Carmela *vedova* Galea *vs* Filippo Gatt deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Ġunju, 1931, fejn il-mertu kien jittratta fuq ix-xoljiment ta' lokazzjoni minħabba morożità, fuq l-eċċezzjoni tal-konvenut li kien hemm pendenti kawża simili bejn l-istess partijiet quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, il-Qorti qalet:

"....*qualora sia stata fatta precedentement una domanda per l'oggetto stesso avanti un'altra Corte competente sia rimessa la causa. Tale disposto è manifestamente inapplicabile alla fattispecie, sia perchè la giunta non è un tribunale pei fini di detto articolo (804* ta' dak iż-żmien - 792 tal-Kap. 12 illum) *sia perchè essa non è competente giusta quanto è stato superiormente dettò cosicche, decisa dai tribunali la questione della competenza, la giunta non potrà procedere oltre, sulla domanda avvanzata*";

Biex ma ssirx lista twila ta' din l-interpretazzjoni konkordi huwa utili li ssir riferenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-21 ta' Mejju, 1935, fl-ismijiet Giuseppe Bugeja Bonnici *vs* Dottor Andrea Pullicino *nomine et* (Vol. XXIX.II.510) li fiha kompendju tad-deċiżjoniijet rilevanti;

Hemm però, fl-artikolu 965 Kap. 12, imsemmija dawk il-kawżi li l-Qorti tissospendi t-trattazzjoni tagħhom "sakemm tiġi deċiża kawża oħra" jew "sakemm xi waħda mill-partijiet tagħmel kawża oħra" u dawn il-każijiet huma kkonsiderati tant eċċezzjonali illi - kif jiddisponi, l-istess artikolu - huma soġġetti għall-perikolu tad-deżerzjoni jekk kemm-il darba l-parti interessata, ma attentatx biex fi żmien qasir tirravviva l-kawża sospiża. Iżda jidher ċar li dawn is-sospensjonijiet huma **fakoltattivi** għall-Qorti u mhux **obbligatorji** u infatti, jibqgħu dejjem apprezzabbilment aleatorji u għalhekk, appena ttollerati fis-sistema ġuridika, tant illi din il-fakoltà ta' sospensjoni hija msemmija f'dik il-parti tal-Kodiċi ta' Proċedura li tittratta mid-**deżerzjonijiet preżunti** tal-kawżi;

14. Dan stabbilit, jidher li dan l-aspett ta' **fakoltà** - u mhux eċċezzjoni - li xi organu ġudikanti jieqaf mill-mansjonijiet

tiegħu, ġiet rikonoxxuta u enfasizżata proprju wara li ġie kkreat il-Bord li Jirregola l-Kera, u għalhekk hija partikolarment rilevanti s-sentenza Galea *vs* Gatt tal-Qorti ta' l-Appell, imsemmija fil-paragrafu 13 *supra;*

It-transizzjoni ġrat proprju għaliex meta bdiet tirrikorri sitwazzjoni fejn waqt li jkun hemm kawża pendenti quddiem il-Bord, u **bejn l-istess partijiet fuq l-istess materja jew fuq xi kwistjoni kollaterali**, kienet qed issir kawża oħra quddiem il-Qrati ordinarji – ma kienx possibbli li ssir il-konnessjoni tal-kawżi u allura lill-Bord **ġiet konċessa l-fakoltà eċċezzjonali, li jekk ma jagħżilx li jkompli bil-kawża u jiddeċidi l-materja kollha huwa, inklużi l-kwistjonijiet kollaterali, seta' jissoporassjedi sakemm ikun hemm deċiżjoni tal-Qrati ordinarji**. Qalet difatti l-Qorti ta' l-Appell fil-kawża Francesco Spiteri *vs* Giuseppe Sghendo *et*, tad-9 ta' Mejju, 1955, (Vol. XXXIX.I.191):

''Fid-dibattitu ntqal, l-ewwelnett, mid-difensur ta' l-appellant, li l-Bord **kien imissu** rriserva d-deċiżjoni tal-kwistjoni lit-tribunal ordinarju, u **jissoprassjedi sakemm din** il-kwistjoni tiġi deċiża. Issa, hu indubitat illi l-Bord hu kompetenti li jiddeċidi l-kwistjonijiet ''ta' dritt li jinqalgħu fil-kawżi ta' kompetenza tiegħu; diversament ma kienx ikollha sens id-disposizzjoni li tippermetti l-appell mis-sentenzi tal-Bord li fihom jiġi maqtugħ punt ta' dritt. Hu veru li, kif ġie osservat f'sentenzi ta' din il-Qorti (ara ex gr. ''Dr. Cassar *vs* Dalomal'', 26 ta' Ġunju, 1944, Kollez. XXXII.I.536) il-fatt li l-Bord jista' jiddeċidi kwistjonijiet ta' dritt ma jfissirx illi l-Bord, **meta jidhirlu illi huwa fl-interess tal-kontendenti li l-kwistjoni** tkun ventilata quddiem it-tribunali ordinarji biex tkun tista' aktar eżawrjentement tiġi ttrattata, u biex il-kontendenti jkollhom il-benefiċċju tad-doppju

eżami; **ma jistax jissoprassjedi** fuq dik il-kwistjoni sakemm tiġi deċiża mit-tribunali ordinarji. **Imma din il-fakoltà tal-Bord li jissoprassjedi ma għandhiex tiġi sfurzata jew eżaġerata**; għaliex altrimenti jkun **biżżejjed li kontendent quddiem il-Bord, interessat fid-dilazzjoni tal-proċeduri, jissolleva punt ta' dritt, jitlob is-soprasessjoni u jarena l-kawża quddiem il-Bord. Dan il-perikolu jista' javvera ruħu kważi fil-kawżi kollha quddiem dak it-tribunal speċjali, u b'dan il-mod jiġi newtralizzat** għal kollox l-iskop tal-liġi speċjali f'din il-materja u tal-kreazzjoni ta' organu ġudizzjarju appożitu bħal ma huwa l-Bord;

**Lanqas tista' din il-Qorti tindaħal, bla motiv gravi, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-Bord dwar għandux jew le jissoprassjedi; għaliex kieku dan is-sindikat jestendi ruħu indebitament, l-istess jiġu pparalizzati l-proċedura u l-funzjonament tal-Bord**";

15. Skond l-artikolu 620(1) Kap. 9 il-Qorti Kriminali għandha tiddeċidi hi kull allegazzjoni ta' ġenn u **kull kwistjoni oħra kollaterali** li tiġi ssollevata quddiemha:

"Kull allegazzjoni ta' ġenn, jew ta' kull fatt ieħor li, minħabba fih, jekk il-fatt ikun veru, l-akkużat m'għandux sew għal dak il-waqt kemm f'kull żmien 'il quddiem, jiġi msejjaħ biex iwieġeb għall-akkuża, jew jgħaddi ġuri, jew jiskonta l-piena, għandha qabel xejn tiġi maqtugħa minn ġuri";

Dan huwa assolutament neċessarju għaliex altrimenti ma jistax jiġi rrispettat il-prinċipju bażilari ta' l-ispeditezza u l-unità tal-proċess kriminali kif huwa ordnat mill-artikolu 485 Kap. 9:

"Is-smigħ tal-kawża, ladarba jinħatar il-ġuri, għandu jibqa' sejjer bla ma jinżamm sar-reġistrazzjoni tal-verdett tal-ġuri inkluživament, u m'għandux jitwaqqaf ħlief għal dak il-ftit taż-żmien li l-Qorti jidhrilha meħtieġ għall-mistrieħ tagħha, tal-ġurati, tax-xhieda, jew ta' l-akkużati....";

16. Fil-każ preżenti, imbagħad, billi l-Qorti tal-Maġistrati kienet qed taġixxci bħala Qorti Istruttorja, l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha huma marbutin strettament fiż-żmien bl-artikolu 401 Kap. 9, liema perijodi li fihom irid jespleta l-inkjesta jistgħu jiġu interrotti biss b'dawk iċ-ċirkostanzi li huma espressament indikati fl-artikolu 402 Kap. 9;

Għalhekk bħala Qorti Istruttorja, il-Maġistrat inkwerenti ċertament, skond il-Kodiċi Kriminali **ma setax jikkonċedi** t-talba għas-soprasessjoni lilu magħmula;

17. Is-soprasessjoni bħala istitut, veru u proprju, ġiet espressament introdotta fl-Ordinament Tagħna bis-saħħa tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 46, li jista' jerġa' jiġi kkowtat hawn:

"Jekk f'xi proċeduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-Qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 4 ta' dan l-artikolu, il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-deċiżjoni";

Dan kollu jimplika neċessarjament soprasessjoni, meta jirrikorru ċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikolu, u billi mid-deċiżjoni tal-Prim'Awla hemm id-dritt ta' appell quddiem din il-Qorti Kostituzzjonali – skond is-subartikolu 4 ta' l-istess artikolu – allura s-soprasessjoni ddum sakemm ikun hemm sentenza ta' din il-Qorti;

Però sabiex il-proċeduri ordinarji ma jiġux indebitament intralċjati u l-funzjonament tagħha paralizzat – fil-kliem tas-sentenza kkwotata Spiteri *vs* Sghendo (para. 14 *supra)* is-subartikolu 5 ta' l-artikolu 45 jiddisponi illi m'hemmx dritt ta' appell jekk kemm-il darba l-Qorti li quddiemha tiġi ssollevata kwistjoni kostituzzjonali tiddeċidi li dak it-tqanqil ikun sempliċement frivolu jew vessatorju;

18. Għalhekk din is-soprasessjoni tavvera ruħha biss meta (a) quddiem xi Qorti – barra l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali – tiġi ssollevata kwistjoni kostituzzjonali u (b) dik il-kwistjoni ma tkunx fil-fehma ta' dik il-Qorti la frivola u/jew vessatorja, u f'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk u f'dawn iċ-ċirkostanzi biss **hija obbligata s-soprasessjoni**;

Issa fil-każ preżenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) intalbet is-soprasessjoni imma ma ġietx issollevata kwistjoni kostituzzjonali u għalhekk dik il-Qorti ma kellhiex l-opportunità li teżamina l-kwistjoni biex tgħid jekk dik il-kwistjoni kinitx frivola jew vessatorja u jekk le, kellha tirreferiha lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. F'din l-aħħar ipotesi mbagħad kien ikollha l-obbligu li tissoprassjedi – imma mhux altrimenti;

Ir-rikorrent għażel li flok iqajjem il-kwistjoni li qed jippretendi quddiem dik il-Qorti, ipproċeda bil-preżenti rikors

aktar minn xahrejn u nofs wara – 16 ta' Ottubru, 1992 – 6 ta' Jannar, 1993 – iċ-ċaħda għas-soprasessjoni. Din il-posizzjoni proċedurali li għażel ir-rikorrent – kienet diġà kkonsidrata, għalkemm minn perspettivi oħra, minn din il-Qorti f'diversi sentenzi tagħha u għalihom għandha ssir riferenza – 23 ta' Novembru, 1990, Mifsud *et vs* l-Avukat Ġenerali *et*. (Vol. LXXIV.I.227), 22 ta' Mejju, 1991, N. Ellul *vs* Kummissarju tal-Pulizija (Vol. LXXV.I.240), 13 ta' Awissu, 1991 – M. Fenech *et vs* Onor. Prim Ministru (Vol. LXXV.I.290), 6 ta' Mejju, 1992, Attard *vs* Avukat Ġenerali (Vol. LXXVI.I.103), għaliex fihom ġew eżaminati d-diversi modi li huma proċeduralment korretti għas-soluzzjonijiet tas-sitwazzjonijiet li jistgħu jinħolqu;

Għalhekk huwa manifest li r-rikorrent stess, bil-mod li għażel biex jipproċedi – eskluda effettivament il-possibbilità ta' soprasessjoni, u ma jistax raġonevolment u ġuridikament jillamenta minn deċiżjoni **inevitabbli** tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja;

19. Is-sentenza appellata, sfortunatament, minn dawn il-prinċipji ma kkunsidrat xejn. Ma kkunsidratx illi ċ-ċaħda tat-talba għas-soprasessjoni da parti tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mhux biss kienet korretta iżda kienet l-unika deċiżjoni ġuridikament ammissibbli, għaliex dik il-Qorti m'għandhiex il-**fakoltà** li tissoprassjedi u wisq anqas ma kellha d-dritt li tagħmel dan, jekk mhux skond il-proċedura kostituzzjonali ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni kif spjegat fil-para. 18 *supra;*

Ma setgħetx il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), kif tgħid is-sentenza appellata, mingħajr ma jkollha ssollevata quddiemha l-kwistjoni kostituzzjonali li **r-rikorrent wara ġieb 'il quddiem**

**b'dan ir-rikors**, tissoprassjedi billi tibgħat tirriferixxi din il-kwistjoni band'oħra jew tiddeċidi li hija frivola jew vessatorja. U dan huwa l-punt fokali proċedurali li ma ġiex ikkunsidrat mis-sentenza appellata;

20. L-ewwel Qorti – kuntrarjament għal dak li huwa prinċipju bażi ta' kull proċedura, ikkonkludiet li għaliex hemm pendenti rikors li qed jallega vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali da parti tal-Qorti Kostituzzjonali dan allura jfisser "li kollox għadu inċert" mentri kull sentenza finali ta' kwalunkwe Qorti hija **ċerta u tagħmel stat** sakemm ma tissoppravenix sentenza finali minn Qorti kompetenti *li tgħid mod ieħor* – u dan, dejjem fil-parametri permessi mil-liġi. Meta, imbagħad is-sentenza tkompli hekk:

"F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-Qorti tal-Maġistrati ma tistax tiddetermina l-kwistjoni ssollevata quddiemha kif ordnat il-Qorti Kostituzzjonali bis-sentenza ċċitata billi dik l-istess sentenza għad tista' tiġi annullata";

L-ewwel Onorabbli Qorti, hawnhekk uriet li ma għandhiex komprensjoni preċiża tas-sentenza suppost impunjata ta' din il-Qorti għaliex dik is-sentenza **b'ebda mod ma ordnat lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) biex tiddetermina xi kwistjoni kostituzzjonali**;

Diversi kwistjonijiet tad-dritt – huwa x'inhuwa, imma speċjalment ta' dritt penali – għandhom rilevanza f'diversi *klassifiki ta'* l-istess *dritt*, *imma billi kwistjoni ta' dritt tista' tiġi* kkunsidrata minn diversi perspettivi b'daqshekk ma jkunx hemm il-konfużjoni ta' kompetenza li ssemmi s-sentenza. Ċertament l-ebda Qorti Kriminali, fis-sistema tagħna ma hija kompetenti

li tiġġudika fuq l-aspetti kostituzzjonali u ta' xi regola tad-dritt penali imma hija ċertament kompetenti li tiġġudika fuq dik il-kwistjoni fil-kwadru tad-dritt penali. Minn dik il-konklużjoni s-sentenza appellata tgħid illi:

"... isegwi li tkun miżura xierqa meħtieġa u f'waqtha li l-Qorti tal-Maġistrati tieqaf ...";

21. Għalhekk analitikament jirriżulta illi ż-żewġ motivazzjonijiet għad-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti huma t-tnejn inattendibbli – ta' l-ewwel għaliex il-prinċipju ġuridiku u legali li jorbot fuq il-problematika ta' l-impunjazzjonijiet ta' dak li huwa preżunt li huwa validu u hekk irid jiġi kkunsidrat sakemm skond il-liġi jiġi ddikjarat il-kuntrarju, u tat-tieni għaliex hija bbażata fuq intendiment żbaljat tas-sentenza ta' din il-Qorti;

Barra minn dan, finalment, ċertament fil-ġurisprudenza li m'huwiex xieraq huwa, li ordni fuq talba ta' soprasessjoni tiġi ssindakata, id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti tiġi ssostitwita b'diskrezzjoni ta' Qorti oħra li però billi ma tkunx qed tagħmel il-kawża, mhux ħtieġa ma jkollhiex, iżda addirittura, **m'għandhiex motiv proċedurali biex tikkunsidra ordni proċedurali bħal dak**;

22. Mill-aggravji ta' l-appell ta' l-intimat irid jibqa' barra l-ewwel wieħed. Dan kien illi l-ewwel eċċezzjoni ta' l-appellant kienet illi r-rikors huwa frivolu u vessatorju. Huwa minnu li l-ewwel Qorti ma kkunsidrat b'ebda mod din l-eċċezzjoni, iżda f'dan l-istadju ta' appell – wara dak li ntqal, din il-Qorti ma tistax tikkunsidra l-eċċezzjoni minħabba li qed tilqa' l-appell ta' l-istess intimat eċċepjent;

23. Huwa ċar illi dik il-minaċċja li avvertiet is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Spiteri *vs* Sghendo (para. 14 supra) jiġifieri li s-soprasessjoni għandha l-effett li tipparalizza totalment il-funzjonament tal-Qrati u ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja qiegħda tavvera ruħha. Difatti llum, bl-aċċess li infetaħ għall-proċeduri quddiem l-organi ġudizzjarji tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem li nħolqu bil-Konvenzjoni għall-protezzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali, li għandhom is-sede tagħhom fi Strasbourg, is-sentenzi kollha ta' din il-Qorti, inkwantu kollha huma passibbli ta' ulterjuri eżami hemmhekk huma kollha soġġetti għal paraliżi speċjalment fil-fażi eżekuttiva tagħhom jekk din il-Qorti – skond is-sentenza appellata – jkollha tissopprassjedi, fil-każijiet kollha fejn isir rikors għal dawk l-organi;

Is-soprasessjoni fuq il-linji msemmija fis-sentenza appellata tispiċċa biex tiġi ekwivalenti għall-fonti ta' inġustizzja profonda għaliex effettivament tissospendi l-implimentazzjoni u l-attwazzjoni tal-ġustizzja tal-litiġju fi żmien raġonevoli;

30. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax ma tirrevokax is-sentenza appellata inkwantu din mhux ġuridikament attendibbli. L-ispejjeż għar-rikorrent.